MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 2411/2002

**Ray Desira**

**vs**

**Catherine Grixti**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Ottubru, 2002 fejn intalab il-hlas ta' tmienja u hamsin lira Maltija (Lm85.00) bilanc ta' somma akbar, prezz ta' hwejjeg lilha mibjugha u kkonsenjati, u dana oltre l-interessi miftiehma ta' 8% fis-sena mill-1 ta' Jannar, 2002 sad-data ta' l-effettiv pagament;**
**Illi l-konvenuta ghalkemm interpellata biex thallas l-istess ammont u l-interessi miftiehma fuqu, permezz ta' ittri legali datati l-15 ta' Marzu, 2002, 12 t'April, 2002 u 5 ta' Lulju, 2002, baqghet inadempjenti;**

**ammont bilancjali dovut ghall merkanzija mibjugha u kkonsenjata mill-attur lill-konvenut;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri nterpellatorji tal-15 ta' Marzu, 2002, 12 t'April, 2002 u 5 ta' Lulju, 2002, kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma dehret.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Joe Buttigieg ghall-attur li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur s-somma ta' tmienja u hamsin lira Maltija (Lm85.00) bl-imghax legali mill-1 ta' Jannar, 2002 sad-data ta' l-effettiv pagament;**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittri nterpellatorji tal-15 ta' Marzu, 2002, 12 t'April, 2002 u 5 ta' Lulju, 2002, ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta skond il-Ligi.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------